MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 538/2010

**Fl-atti ta’ l-ittra ufficjali numru 4817/2010 fl-ismijiet:**

**Brian’s Tyre Services Limited**

**Vs**

**Raymond Scicluna u Joan Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Raymond Scicluna u Joan Scicluna permezz ta’ liema jitolbu lil din il-Qorti tissospendi l-esekuzzjoni tad-dsatax-il (19) kambjala li is-socjetà intimata tittenta li tirrendi esegwibbli bis-sahha ta’ l-ittra ufficjali bin-numru 4817/10 ai termini ta’ l-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, minhabba ragunijiet gravi u validi sufficjenti ghall-oppozizzjoni ta’ l-esekuzzjoni ta’ l-imsemmija kambjali, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrula xierqa u opportuni;

Rat ir-Risposta tas-socjetà intimata permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-rikorrenti stante li ma sar l-ebda hlas minnhom tal-kambjali li ghalihom issir referenza fl-ittra ufficjali bin-numru 4817/10 u ghalhekk l-ammont imsemmi fl-ittra ufficjali huwa minnhom lilha dovut;

Rat id-Digriet tat-23 ta' Dicembru 2010 permezz ta' liema r-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghall-31 ta' Jannar 2011 fid-9:30a.m.;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent Raymond Scicluna waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2011[1] u rat il-fotokopji tal-kambjali mertu tal-kontestazzjoni annessi mar-Rikors promotur a fol. 3 sa' 13 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Noel Gauci, rapprezentant tas-socjetà intimata, waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2011[2] u semghet ix-xhieda ta' Shaun Vella waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2011[3];

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

B'ittra ufficjali datata 30 ta' Novembru 2010 is-socjetà intimata tittenta tirrendi esegwibbli dsatax-il (19) kambjala tal-valur ta' Lm50 (€116.46) il-wahda mahruga mir-rikorrenti favur taghha, kopji annessi mar-Rikors promotur a fol. 3 sa' 13 tal-process. Ai termini ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta kambjali mahruga skond il-Kodici tal-Kummerc huma titoli ezekuttivi izda, ai termini ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta l-istess huma esegwibbli biss wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'atti giudizzjarju.

L-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi fil-*proviso* li *b'dan izda illi l-qorti kompetenti skond il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suggett ghal garanzija kif ukoll minghajrha, fuq rikors*

[1] Fol. 25 sa' 26 tal-process.
[2] Fol. 27 sa' 28 tal-process.
[3] Fol. 30 sa' 31 tal-process.

*tal-persuna li tkun qed topponi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li ghandu jsir fi zmien ghoxrin jum min-notifika ta' l-ittra ufficjali li tintbaghat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minhabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni u f'dak il-kaz biex persuna tesigi l-hlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipprocedi b'kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc.* Huwa in bazi ghal dak provdut f'dan il-*proviso* li r-rikorrenti istitwew il-proceduri odjerni in opposizzjoni ghall-esekuzzjoni fil-konfront taghhom tal-kambjali mertu tal-kontestazzjoni da parte tas-socjetà intimata.

It-talba tar-rikorrenti ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni fil-konfront taghhom ta' l-imsemmija kambjali hija bbazata fuq il-pretensjoni li *l-kambjali kollha huma preskritti ai termini tal-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jinghad illi l-azzjonijiet li gejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew promissory notes, jaqghu bil-preskrizzjoni wara hames snin minn dakinhar li jaghlqu*. *Il-kambjala li taghlaq l-ahhar u cioè dik il-kambjala numerata bhala 'Bill No.36' u li qeghdha immarkata mir-rikorrenti permezz tan-numru dsatax (19), immaturat fl-1 ta' Awissu 2005. Illi l-ittra ufficjali de quo giet ipprezentata fit-30 ta' Novembru 2010. Illi ghaldaqstant ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-gheluq ta' l-ahhar kambjala u b'hekk il-kambjali kollha huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta*.

L-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 238, 239 u 263, l-azzjonijiet li gejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew promissory notes, jaqghu bil-preskrizzjoni wara hames snin minn dakinhar li jaghlqu, u l-azzjonijiet li gejjin minn tratti jew cheques fuq bankiera jew kaxxiera jaqghu bil-preskrizzjoni wara hames snin mid-data taghhom*.

Ghad illi f'dan l-Artikolu tal-Ligi l-Legislatur juza l-kelma "preskrizzjoni", it-terminu ta' hames snin hemm indikat ma huwiex wiehed ta' preskrizzjoni, u quindi bid-dritt ta' interruzzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2128 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda huwa terminu ta' dekadenza b'mod li d-dritt ta' l-azzjoni jintilef kemm-il darba din ma tigix istitwita entro t-terminu prefiss fil-Ligi. Dana jirrizulta minn dak dispost fl-Artikolu 541 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li *z-zminijiet kollha stabbiliti b'disposizzjoni ta' dan il-Kodici ghall-ezercizzju ta' azzjonijiet jew regressi li gejjin minn atti kummercjali, huma perentorji; u l-beneficcju tar-restitutio in integrum bis-sahha ta' titolu motiv jew privilegg li jkun, ma jghoddx.*

Il-kwistjoni tan-natura tat-terminu ta' hames snin ghall-ezercizzju ta' azzjoni nascenti minn kambjala prefiss fl-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta giet trattata fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Sammut v. Joseph Peeters et, Citaz. Nru. 1135/01** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2002, fejn inghad illi *din il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti u tas-sentenzi citati, hija tal-fehma li l-opinjoni espressa mill-Qorti ta' Prima Istanza fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Petroni noe v. Joseph Zahra" kif sussegwentement konfermata mill-Qorti ta' Appell Inferjuri fis-7 ta' Dicembru 1997 hija dik korretta. Kif sewwa osservat il-Qorti ta' l-Appell 'Ghalhekk, ghalkemm il-Kodici Kummercjali, fl-Artikoli ta' wara l-art. 633 (541) jsemmi "preskrizzjoni" din, minhabba l-art. 633 (541) titqies preskrizzjoni perentorja, li ma tistax tkun hlief dekadenza, altrimenti kif osservat anke l-ewwel qorti, l-Art. 633 (541) jsir ghal kollox inutili, u interpretazzjoni li twassal ghas-superfluwità ghandha tigi evitata" ... It-Titolu I tat-Taqsima IV tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem "Fuq il-preskrizzjoni u fuq ir-ragunijiet li ghalihom m'hemmx jedd ta' azzjoni f'xi hwejjeg kummercjali". Skond it-tezi attrici fil-kaz odjern wiehed ghandu jifhem li l-uzu tal-kelma "preskrizzjoni" fil-preambolu ghall-artikoli 541 sa' 546 jissoggetta dak kollu li hemm provdut ghall-provedimenti tat-Titolu XXV tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod li kull terminu hemm stabbilit huwa wiehed preskrittiv u cioè jista' jkun sospiz jew interrott. Dan però ma jidhirx li hu l-kaz billi l-ewwel*

*artikolu tat-Titolu I tat-Taqsima IV tal-Kap.13 ma jhalli ebda dubju x'ried il-legislatur. Infatti huwa hemm dikjarat, bla ebda dubju ta' xejn li z-zminijiet kollha stabbiliti b'disposizzjoni ta' dan il-Kodici ghall-ezercizzju ta' azzjonijiet jew regressi li gejjin minn atti kummercjali,* ***huma perentorji****…". Isegwi li l-azzjonijiet li jirrigwardaw "operazzjoni dwar kambjali" li skond il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 5 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta, huma atti ta' kummerc, ma jistghux hlief jintlaqtu bit-terminu "perentorju" ossia "ta' dekadenza" u l-kelma "preskrizzjoni" uzata fl-artikolu 542 tal-Kap.13 hija biss intiza biex tindika t-terminu li fih ghandha tingieb l-azzjoni*.

Ghalkemm il-principu imsemmi gie enuncjat fil-kuntest ta' *actio cambiaria* l-Qorti ma ghandhiex dubju li l-istess ghandu japplika anke fil-kaz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta biex kambjala, meqjusa bhala titolu ezekuttiv a tenur ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tigi reza esegwibbli. B'hekk l-att giudizzjarju biex kambjala jew iktar kambjali jigu rezi esegwibbli ghandu jigi pprezentat fi zmien hames snin minn meta il-kambjala jew kambjali in kwistjoni jaghlqu u jsiru dovuti.

Fil-kaz in ezami ma huwiex kontestat li l-kambjali li s-socjetà intimata tittenta tirrendi esegwibbli bl-ittra ufficjali bin-numru 4817/10 ghalqu u saru dovuti fl-1 ta' Novembru 2003, fl-1 ta' Dicembru 2003, fl-1 ta' Frar 2004, fl-1 ta' Marzu 2004, fl-1 ta' Gunju 2004, fl-1 ta' Lulju 2004, fl-1 ta' Awissu 2004, fl-1 ta' Settembru 2004, fl-1 ta' Ottubru 2004, fl-1 ta' Novembru 2004, fl-1 ta' Dicembru 2004, fl-1 ta' Jannar 2005, fl-1 ta' Frar 2005, fl-1 ta' Marzu 2005, fl-1 ta' April 2005, fl-1 ta' Mejju 2005, fl-1 ta' Gunju 2005, fl-1 ta' Lulju 2005 u fl-1 ta' Awissu 2005. Lanqas ma huwa kkontestat li l-ittra ufficjali bin-numru 4817/10 gietipprezentata mis-socjetà intimata fit-30 ta' Novembru 2010, jigifieri iktar minn hames snin wara li ghalqet u saret dovuta l-iktar kambjali recenti, u cioè dik li ghalqet u saret dovut fl-1 ta' Awissu 2005.

Ghalhekk jirrizulta car li kif korrettament pretiz mir-rikorrent l-ittra ufficjali bin-numru 4817/10 li saret a tenur

ta’ l-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta biex il-kambjali imsemmija jigu rezi esekuttivi, giet ipprezentata oltre t-terminu perentorju ta’ hames snin prefiss fl-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fic-cirkostanzi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti tissussisti raguni gravi u valida biex tigi sospiza l-esekuzzjoni tad-dsatax-il (19) kambjala tal-valur ta’ Lm50 (€116.46) il-wahda li s-socjetà intimata tittenta tirrendi esegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti bis-sahha ta’ l-ittra ufficjali bin-numru 4817/10, u tali sospensjoni ma ghandha tkun soggetta ghal ebda garanzija.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi l-Qorti tilqa’ t-talba tar-Rikorrenti u tissospendi, minghajr l-imposizzjoni ta’ ebda garanzija, l-esekuzzjoni tad-dsatax-il (19) kambjala tal-valur ta’ Lm50 (€116.46) il-wahda li s-socjetà intimata tittenta tirrendi esegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti bis-sahha ta’ l-ittra ufficjali bin-numru 4817/10, stante li l-istess ittra ufficjali giet ipprezentata oltre t-terminu perentorju ta’ hames snin minn meta ghalqu u saru dovuti l-imsemmija kambjali, prefiss fl-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tas-socjetà intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------